MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Numru 212/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Bonello**
v

**DESMOND JOSEPH AGIUS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **DESMOND JOSEPH AGIUS** ta' erbgha w tletin sena bin Freddie u Polly nee Williams, imwieled l-Awstralja nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 1967 u residenti 79, St. Henry Street, Sliema, detentur tal-karta tal-identita numru 232184M gie mressaq quddiemha akkuzat;

1. Talli nhar s-sitta ta' Marzu 2002 ghall-habta tas-sebgha w ghaxra ta' filghaxija minn gewwa Triq

Imrabat, Sliema ikkommetta serq ta' stereo tal-ghamla Pioneer flimkien ma diversi dokumenti ohra minn go karozza tal-ghamla Tata Sumo bin-numru ta' registrazzjoni IBA 739 liema stereo jiswa aktar minn mitt lira u li sar ghad-dannu ta' Saviour Grech, liema serq huwa aggravat bil-valur, hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Talli fl-istess jum, hin lok u cirkostanzi, ikkommetta hsara voluntarja fuq l-imsemmi stereo ghad-dannu ta' Saviour Grech liema hsara voluntarja tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin ;

3. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, u fil-granet ta' wara, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull li jkun indhal sabiex nbieghhom jew imexxihom;

4. Talli sar recidiv meta kien diga nstab hati w ikkundannat ta' reati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassar.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dawn l-atti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali esibit fl-atti markat bhala dokument CSH 2 a fol 7, datat hamsa w ghoxrin ta' Marzu 2002 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan waqt l-ezami li sarlu nhar d-disgha w ghoxrin ta' April 2002 kif jirrizulta a fol 10 tal-atti odjerni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar 2004 quddiem l-avukat difensur tieghu u ghalhekk fuq ammissjoni tal-

stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena il-Qorti qiset is-segwenti fatti:

a. Id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li l-imputat irritorna r-res furtiva kollha u b'hekk is-socjeta ma sofriet ebda danni materjali;
b. Il-hlas li sar mill-imputat kif mitlub [dokument CSH 8 esibit fl-atti] u cioe fl-ammont ta' tlieta w sittin lira maltin sabiex b'hekk l-istess Saviour Grech m'ghandu ebda pretenzjoni kontra l-imputat;
c. Il-koperazzjoni tal-imputat billi sahansitra anke rregistra ammissjoni ghall-akkuzi odjerni in toto.

Illi minn ezami tal-fedina penali tal-imputat jirrizulta li ghandu numru ta' konvizzjonijiet registrati fuqha meta nghata multi, amendi, probation orders u sentenza sospiza ta' sitt xhur ghal perjodu ta' sentejn fis-sena 1993 u minhabba f'hekk il-Qorti hija prekluza milli taghti sentenza sospiza ohra jew li testendi z-zmien taghha stante li z-zmien taghha ghalaq. Il-Qorti ma thoss li l-imputat huwa kandidat ghal ordni ta' probation u minn naha l-ohra ma thossx li l-piena applikabbli f'dan il-kaz ghanda tkun wahda karcerarja peress li l-imputat ghamel tajjeb ghal hsarat kagjonati minnu u l-valur kien wiehed de minimis.

**Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 261(c)(f)(g), 49, 50, 367, 270, 271, 279, 280, 281, 289 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li qed issib lill-imputat DESMOND JOSEPH AGIUS hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tiddecidi fid-dawl tal-kondotta reflettarja tieghu, billi tikkundannah ghall-hlas tal-multa massima permessa mill-ligi u cioe ta' hames mitt lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------